MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Numru. 227/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR FABIAN FLERI**
**SPETTUR JESMOND BORG**

**KONTRA**

**MARK ATTARD**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Mark Attard, bin Saviour u Mary Doris nee' Caruana, mwieled Pieta' nhars id- 29 ta' Awwissu 1980, residenti fil-fond Wicklow Court Flat 3, Triq Gdida fi Triq Angelo

Dorini, Siggiewi u detentur tal- Karta tal- Identita' bin-numru 410280(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

Talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal- Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Bejn l- 1 ta' Jannar 2009 u is- 7 ta' Marzu 2009, gewwa Zabbar u gewwa dawn il- Gzejjer, b'mezzi kontra l- Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' ta xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' €7,949 ghad- dannu ta' Grazio Vella, Salvina Vella, HSBC u/ jew persuni ohra u aktar talli;

2) fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuni ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l- professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju taht titolu illi jgib mieghu l- obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat u aktar talli;

3) fl- istess data, hin , lok u cirkostanzi, iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l- kunsinna ta' oggetti , jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal- Gvern u aktar talli;

4) fl- istess data, hin, lok u cirkostnazi, ghamel falsifikazzjonoi f'att awtentitku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl- iskrittura jew fil- firem., billi holoq pattijiet,

dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il- pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l- atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti , illli dawk l- atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u aktar talli;

5) fl- istess data, hin , lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni;

Rat illi in vista tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, din il-Qorti giet ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali, u ghalhekk setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A tal-Kap 9;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta li kien wettaq dan ir-reat. Ghalkemm hu tressaq fuq diversi imputazzjonijiet, ir-reat kien fil-fatt wiehed, u ghalhekk ser ikun hemm assorbiment tal-piena fis-sentenza. Inoltre l-Qorti giet infurmata li l-ammont li l-imputat kien approprja ruhu minnu kien gie rifuz kollu lil Grazio u Salvina konjugi Vella, u ghalhekk l-imputat seta’ jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena ai termini tal-Artikolu 337 tal-Kap 9. Tenut kont ukoll tal-ammissjoni bikrija u tal-fedina penali ghal kollox netta, il-Qorti hi tal-fehma li l-

imputat ma jimmeritax li jinghata sentenza ta’ prigunerija, izda ser jinghata sanzjoni fil-komunita’.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 308, 293, 167, 183, u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------